MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Numru. 1022/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Kevin Pulis)**

**Vs**

**Abdifaid Mahahdi Mahamud**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta tat-Tnejn 17 ta' Novembru, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Abdifaid Mahahdi Mahamud ta' 18-il sena, iben Mhahdi Mahamoud u Sabad Abdullahi nee' Anaib Ise Mahmoud, mwieled Somalia fil-25 ta' Marzu 1995, residenti gewwa Flat 8, Triq il-Bizantini, Xlendi Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 9000147A talli:

1. Ft-12 ta' Ottubru 2013 ghall-habta ta' bejn l-22:00hrs u 22:30hrs gewwa il-Hal Far tent Centre li jinsab Hal Far limiti ta' Birzebbugia flimkien ma' persuna ohra kkommetta serq ta' flus minn fuq il-persuna ta' Hussein Mohamed Abikar liema serq huwa aggravat, bil-vjolenza u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Hussein Mohamed Abikar.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Hussein Mohamed Abikar kontra l-volonta' tieghu;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Hussein Mohamed Abikar skont kif iccertifika Dr Daniel Barta mic-centru tas-Sahha ta' Floriana;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, kellu fil-pussess tieghu sikkina minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti intalbet sabiex f'kaz ta'htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-artikoli 261(a), 261(f), 262, 274(c) u 277(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 214, 215 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li waqt l-udjenza tallum minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni tieghu u l-fedina penali tieghu li hija wahda netta.

Ma jirrizultax li f'dan il-kaz kien hemm involuti hatra ta' esperti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 86, 214, 215, 221, 261(a), 261(f), 262, 274(c) u 277(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tlett (3) snin prigunerija li minnhom irid jitnaqqas il-perjodu li huwa nzamm taht arrest preventiv u tikkundannah ukoll ihallas multa ta' €116.47 li ghandhom jithallsu fi zmien 6 xhur minn mindu l-imputat jiskonta s-sentenza tieghu liema multa trid tithallas f'pagamenti mensili u f'kaz ta' nuqqas ta' hlas, anki ta' pagament wiehed, tkun konvertibbli fi prigunerija.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas ta' esperti billi ma rrizultax li kien hemm esperti nominati u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghall-applikazzjoni ta' l-artikoli 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta in vista li l-Prosekuzzjoni ma baqghetx tinsisti fuqha.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------